# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 583.10

## REGOLAMENTI DWAR TAXXA FUQ IL-LOGĦOB

20 ta’ Lulju, 2018

*L-AVVIŻ LEGALI 248 tal-2018, bl-emendat by Avviż Legali 194 tal-2022.*

Taqsim tar-Regolamenti


| | | Regolamenti |
|---|---|---|
| Taqsima I | Titolu u Tifsiriet | 1 - 2 |
| Taqsima II | Taxxa fuq il-Logħob | 3 |
| Taqsima III | Dazju fuq Apparat tal-Logħob | 4 - 5 |
| Taqsima IV | Ħlas | 6 |
| Taqsima V | Prospetti u Stimi ta’ Taxxa | 7 |
| Taqsima VI | Oġġezzjonijiet u Appelli | 8 |
| Taqsima VII | Dispożizzjonijiet Transitorji | 9 |


### Taqsima I

### Titolu u Tifsiriet

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Logħob. Titolu.

**2.** (1) F’dawn ir-regolamenti, bla ħsara għal dak previst fis-subregolamenti (2) u (3), il-kliem u l-frażijiet kollha għandhom l-istess tifsira bħal dik preskritta fir-Regolamenti dwar Tifsiriet fil-Logħob. Tifsir. L.S.583.04.

(2) F’dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Logħob; Kap. 583

"attività kwalifikanti" tfisser attività li tikkonsisti fil-provdiment jew it-twettieq ta’ servizz tal-logħob minn Malta jew lil xi persuna f’Malta, soġġetta għall-ħtieġa ta’ liċenza skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet għal-Logħob, li sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju għandha tinkludi l-persuni msemmija fir-regolamenti 8 u 22, iżda mhux il-persuni msemmija fir-regolamenti 5, 7, 29, 30 u 31 tar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet għal-Logħob, u l-frażi "attivitajiet kwalifikanti" għandha tinqara u tinftiehem skont hekk; L.S. 583.05.

"dħul mil-logħob" tfisser il-ġugati u l-imħatri, inklużi kull bonus jew inċentiv ieħor għal ġugatur li jkun hemm f'xi ġugata jew imħatra, li minnhom jitnaqqas ammont li jiġi determinat billi jingħaddu r-rebħiet totali ta' ġugatur mat-total ta' kull bonus jew inċentiv ieħor għal ġugatur li jkun hemm fl-ammont tal-ġugati u mħatri totali, magħmul taħt it-termini tal-liċenza msemmija fir-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar Miżati għal Liċenzi tal-Logħob matul perjodu ta' liċenza u fir-rigward ta' servizzi għal logħob tat-Tip 3 jew tat-Tip 4, dħul mil-logħob tfisser imposta, miżati għal turnew u elementi ta' dħul oħra simili;

L.S. 583.03

"kummissjoni" tfisser id-dħul attwali li jinkiseb mill-provdiment jew ta' servizzi ta' logħob tat-Tip 3 jew servizzi ta' logħob tat-Tip 4, kemm jekk komputat bħala kummissjoni jew mod ieħor;

"perjodu ta' taxxa" tfisser is-sena finanzjarja tal-persuna li twettaq l-attività kwalifikanti;

(3) It-termini l-oħra kollha użati f'dawn ir-regolamenti għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

## Taqsima II

## Taxxa fuq il-Logħob

Taxxa fuq il-Logħob.

**3.** Kull persuna li toffri xi servizz tal-logħob li hu servizz kwalifikanti, kemm permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni minn distanza jew f'fondi għal-logħob jew b'xi mezzi oħra lil xi ġugatur li jkun fiżikament preżenti f'Malta fil-ħin meta s-servizz tal-logħob jiġi fil-fatt ipprovdut għandha, b'żieda mad-dazju fuq apparat tal-logħob, jekk ikun hemm, li jiġi impost skont ir-regolament 4, tħallas lill-Awtorità, għal kull perjodu ta' taxxa, taxxa fuq il-logħob li għandha tiġi komputata bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) tad-dħul mil-logħob iġġenerat mill-imsemmija servizzi tal-logħob matul il-perjodu ta' taxxa rilevanti:

Iżda meta s-servizz tal-logħob jiġi provdut minn grupp inkorporat li jkollu liċenza skont ir-regolament 10(3) tar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet għal-Logħob, il-grupp inkorporat kollu għandu jitqies bħala "il-persuna" għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

L.S.583.05.

Iżda wkoll meta s-servizz tal-logħob ikun offrut biss permezz ta' komunikazzjonijiet minn distanza, id-determinazzjoni tat-taxxa ma għandhiex tkun jekk il-ġugatur huwiex fiżikament preżenti f'Malta, iżda jekk l-ġugatur huwiex stabbilit, għandu l-indirizz permanenti tiegħu u, jew normalment jirrisjedi f'Malta.

Taqsima III

Dazju fuq Apparat tal-Logħob

**4.** Ikun dovut u pagabbli dazju fuq apparat tal-logħob lill-Awtorità għal kull wieħed mill-perjodi ta' taxxa. Id-dazju għandu jiġi kalkolat bil-mod stipulat fir-regolament 5 u għandu jitħallas *in solidum* mill-persuna jew persuni li jagħmlu disponibbli xi apparat tal-logħob għall-provdiment jew twettieq ta' attività kwalifikanti: Dazju fuq apparat tal-logħob.

Iżda, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-persuna li tagħmel disponibbli l-apparat tal-logħob għall-provdiment jew twettieq ta' attività kwalifikanti għandha titqies li hi d-detentur tal-liċenza taħt liema liċenza l-attività kwalifikanti qed titwettaq u, fin-nuqqas ta' liċenza valida, għandha tkun kull waħda mill-persuni li direttament jew indirettament igawdu mill-istess benefiċċju ekonomiku ġġenerat minn, jew bħala riżultat ta', id-disponibbiltà tal-imsemmi apparat tal-logħob.

**5.** (1) Id-dazju fuq apparati tal-logħob li jitħallas minn kull persuna għal kull wieħed mill-perjodi ta' taxxa skont ir-regolament 4 għandu jiġi determinat billi jingħaddu l-ammonti li jirriżultaw mill-metodu ta' komputazzjoni preskritt fir-regolament 6(2), (3), (4) u (5). Rata ta' dazju.

(2) Id-dazju fuq apparati tal-logħob li jitħallas f'kull wieħed mill-perjodi ta' taxxa b'referenza għal apparati tal-logħob magħmulin disponibbli ġewwa fond tal-logħob fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 1 u, jew tat-Tip 2 għandu jkun tletin fil-mija (30%) tad-dħul totali mil-logħob iġġenerat matul il-perjodu ta' taxxa mill-apparati kollha tal-logħob magħmula disponibbli minn dik il-persuna fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 1 u, jew tat-Tip 2.

(3) Id-dazju fuq apparati tal-logħob li jitħallas f'kull wieħed mill-perjodi ta' taxxa b'referenza għal apparati tal-logħob magħmulin disponibbli ġewwa fond tal-logħob fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 3, u, jew tat-Tip 4 għandu jkun tnax punt ħamsa fil-mija (12.5%) tad-dħul totali mil-logħob iġġenerat matul il-perjodu ta' taxxa mill-apparati kollha tal-logħob magħmula disponibbli minn dik il-persuna fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 3, u, jew tat-Tip 4.

(4) Id-dazju fuq apparati tal-logħob li jitħallas f kull wieħed mill-perjodi ta' taxxa b'referenza għal apparati tal-logħob magħmulin disponibbli ġewwa fond tal-logħob ikkontrollat fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 1, Tip 2, Tip 3, u, jew tat-Tip 4 għandu jkun ħmistax fil-mija (15%) tad-dħul totali mil-logħob iġġenerat matul il-perjodu ta' taxxa mill-apparati kollha tal-logħob magħmula disponibbli minn dik il-persuna fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 1, Tip 2, Tip 3, u, jew tat-Tip 4.

(5) Minkejja kull ħaġa li tinsab fis-subregolamenti (2), (3) u (4), id-dazju fuq apparati tal-logħob pagabbli f'kull perjodu ta' taxxa b'referenza għal apparati tal-logħob magħmulin disponibbli ġewwa fond tal-logħob fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 1, Tip 2, Tip 3 u, jew Tip 4 għandhom, minflok l-ammonti fis-subregolamenti (2), (3), u (4), u jekk legalment jiġu kklassifikati bħala *junket* skont kwalunkwe strument regolatorju applikabbli, ikun tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) tad-dħul totali tal-logħob iġġenerat matul il-perjodu tat-taxxa mill-apparati kollha tal-logħob użati minn dik il-persuna fil-provdiment ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 1, Tip 2, Tip 3 jew tat-Tip 4 klassifikati bħala *junket*.

(6) Minkejja kull ħaġa li tinsab fis-subregolamenti (2), (3) u (4), id-dazju fuq apparati tal-logħob pagabbli f'kull perjodu ta' taxxa b'referenza għal apparati tal-logħob magħmulin disponibbli ġewwa fond tal-logħob fil-provdiment jew aġir ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 3 għandhom, minflok l-ammonti fis-subregolamenti (2), (3), u (4), u jekk legalment jiġu kklassifikati bħala avveniment *junket* skont kwalunkwe strument regolatorju applikabbli, ikun tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) tad-dħul totali tal-logħob iġġenerat matul il-perjodu tat-taxxa mill-apparati kollha tal-logħob użati minn dik il-persuna fil-provdiment ta' servizzi tal-logħob tat-Tip 3 klassifikati bħala avveniment *junket*.

(7) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'dan ir-regolament, kull persuna awtorizzata li tuża l-fond bħala *studio* biex ixxandar servizz tal-logħob jew tagħmel provvista kritika ta' logħob, għandha tħallas dazju fiss ta' ħames mitt euro (€500), bil-quddiem, għat-tnax-il xahar ta' wara, u kull anniversarju tiegħu:

Iżda ebda dazju fiss ma jkun dovut jekk dik il-persuna tkun diġà tħallas id-dazju fuq apparati tal-logħob dovut skond is-subregolamenti (2), (3), (4), (5) u, jew (6).

## Taqsima IV

## Ħlas

Metodu ta' ħlas.

**6.** (1) L-ammonti li għandhom jitħallsu skont dawn ir-regolamenti għal xi perjodu ta' taxxa partikolari għandhom jitħallsu matul il-perjodu ta' taxxa permezz ta' ħlasijiet fix-xahar li għandhom jiġu kkalkolati fuq id-dħul akkumulat mil-logħob matul kull wieħed mix-xhur li jkun hemm f'perjodu ta' taxxa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ix-xahar ta' referenza". It-taxxa dovuta għandha titħallas flimkien mas-sottomissjoni ta' kull prospett meħtieġ skont ir-regolament 7 fl-għoxrin jum ta' dak ix-xahar li jiġi minnufih wara x-xahar ta' referenza, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ix-xahar tal-pagament".

(2) Fit-tmien ta' kull xahar ta' referenza d-dħul iġġenerat mil-logħob minn kull tip ta' servizz tal-logħob matul dak ix-xahar

għandu jiġi determinat u l-ammont li jikkorrispondi għat-taxxa fuq il-logħob dovuta skont ir-regolament 3 u d-dazju fuq apparati tal-logħob dovut skont ir-regolament 4 għandhom jiġu komputati kif preskritt f'dawn ir-regolamenti.

(3) Meta xi ammont li għandu jitħallas skont dawn ir-regolamenti ma jiħallasx meta jkun dovut, ikun dovut u għandu jitħallas imgħax bir-rata preskritta fir-regola 2 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Rata ta' Mgħax), liema rata għandha tiġi applikata fuq l-ammont mhux imħallas għal kull xahar jew parti minnu li dwaru l-ammont jibqa' mhux imħallas. L.S. 372.28.

(4) F'kull ċirkostanza li fiha l-ammont li fil-fatt jitħallas skont ir-regolamenti 3, 4 jew 5 jeċċedi l-ammont li hu fil-fatt dovut minn dik il-persuna skont ir-regolamenti 3, 4 jew 5 għal dak il-perjodu ta' taxxa, l-eċċess ma jiġix rifuż u ma jakkumulax imgħax fuqu favur min iħallas iżda l-imsemmi eċċess ikun disponibbli għal tpaċija kontra kull ammont li għandu jitħallas minn dik il-persuna skont ir-regolamenti 3, 4 u 5 f'xi perjodu ta' taxxa li jibda wara li jintemm il-perjodu ta' taxxa li fih jew li b'referenza għalih ġie mħallas l-eċċess.

(5) Il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi regoli li jippermettu li jkun hemm kreditu ta' taxxa oħra fuq il-fatturat fil-fatt imħallsa f'Malta lill-awtorità kompetenti lokali rilevanti minn detentur ta' liċenza li tinkwadra fil-paragrafu 1(a) tal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet għal-Logħob, kontra kull ammont jew xi ammont dovut u li għandu jitħallas taħt dawn ir-regolamenti, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti. L.S. 583.05.

(6) L-Awtorità tista', bil-kunsens tal-Ministru responsabbli għas-settur tal-logħob, permezz ta' strument vinkolanti, tirregola l-għoti ta' kull riduzzjoni, kreditu, tpaċija jew eżenzjoni oħra fir-rigward ta' kull ammont li għandu jitħallas taħt dawn ir-regolamenti, li għandhom jingħataw jew fuq bażi unilaterali jew b'segwitu ta' trattati bilaterali jew multilaterali, ftehim, memorandum ta' ftehim jew arranġamenti oħra konklużi ma' xi gvern barrani jew ma' xi awtorità lokali jew barranija jew aġenzija governattiva.

Taqsima V

Prospetti u Stimi ta' Taxxa

Prospetti u stimi ta' taxxa.

**7.** (1) Kull persuna li twettaq xi attività kwalifikanti waħda jew aktar għandha tibgħat lill-Awtorità prospett fil-forma li tiġi preskritta għal kull xahar ta' referenza li jkun hemm f'xi perjodu ta' taxxa mhux aktar tard mill-għoxrin (20) jum tax-xahar tal-pagament flimkien ma' dawk il-prospetti l-oħra, dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni li jistgħu jiġu mitluba jew preskritti.

(2) Meta persuna li twettaq xi waħda jew aktar mill-

attivitajiet kwalifikanti tonqos milli tibgħat prospett meta jkun dovut skont dawn ir-regolamenti jew tħejji prospett li fl-opinjoni tal-Awtorità ma jkunx korrett, l-Awtorità tista' tagħmel stima tal-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dawn ir-regolamenti li dik il-persuna għandha tħallas u tinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna fi kwalunkwe żmien wara li jiskadi ż-żmien permess b'dawn ir-regolamenti biex jintbagħat il-prospett.

(3) Meta prospett mibgħut minn persuna lill-Awtorità jkun fih dikjarazzjoni bin-nieqes ta' xi ammont li għandu jitħallas taħt dawn ir-regolamenti, dik il-persuna jkollha tħallas penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tal-ammont dikjarat bin-nieqes:

Iżda jekk dik il-persuna tikkorreġi dikjarazzjoni bin-nieqes kif imsemmi f'dan is-subregolament qabel ma tiġi notifikata bi stima ta' taxxa mill-Awtorità, dik il-persuna teħel biss penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għaxra fil-mija (10%) tal-ammont dikjarat bin-nieqes.

(4) Stima ta' taxxa ma teżonerax lil persuna mill-obbligu tagħha li tibgħat prospett.

(5) Meta jintbagħat prospett wara li tkun saret stima skont is-subregolament (2), l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha temenda jew tikkanċella dik l-istima, kif ikun il-każ.

Taqsima VI

Oġġezzjonijiet u Appelli

Oġġezzjonijiet u appelli.

**8.** (1) Kull persuna li twettaq xi attività kwalifikanti waħda jew aktar li tintbagħtilha stima ta' taxxa mill-Awtorità tista' toġġezzjona bil-miktub għal dik l-istima fi żmien għoxrin (20) ġurnata minn meta tirċievi l-istima ta' taxxa.

(2) Meta tirċievi l-oġġezzjoni msemmija fis-subregolament (1), l-Awtorità għandha, fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta tircieviha, jew tikkonferma l-istima oriġinali u tipprovdi r-raġunijiet għar-rifjut tal-oġġezzjoni magħmula jew tikkomunika lill-persuna li tkun għamlet l-oġġezzjoni stima riveduta, liema stima riveduta għandha tikkostitwixxi stima ġdida ta' taxxa għall-finijiet tas-subregolament (1):

Iżda l-perjodu msemmi f'dan is-subregolament jista' jiġi estiż bi tletin (30) ġurnata oħra wara li jintbagħat avviż mill-Awtorità lill-persuna rilevanti.

(3) Il-persuna li tirċievi r-rifjut tal-oġġezzjoni msemmi fis-subregolament (2) tista' jappella skont l-artikoli 43 u 44 tal-Att:

Iżda, mingħajr preġudizzju għall-artikoli 44 u 45 tal-Att,

appell kontra stima ta' taxxa ma jkunx validu jekk:

(a) il-prospett għall-perjodu li għalih tirreferi l-istima ta' taxxa ma jkunx ġie mibgħut lill-Awtorità qabel ma jsir l-appell;

(b) kull ammont dovut mill-persuna lill-Awtorità, li m'hemmx kontestazzjoni dwaru, ma jkunx għadu ġie mħallas;

(ċ) l-appell ma jkunx sar fi żmien għoxrin (20) ġurnata minn meta l-appellant ikun rċieva r-rifjut tal-oġġezzjoni msemmi fis-subregolament (2);

(d) l-appell ma jkunx sar f'dik il-forma u b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att jew taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

(4) Il-piż tal-prova li xi ammont stmat mill-Awtorità mhuwiex korrett jaqa' fuq l-appellant.

(5) It-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjoini tiegħu bil-miktub u għandu jara li kopja tad-deċiżjoni tingħata lill-appellant.

(6) Kull persuna li twettaq xi attività kwalifikanti waħda jew aktar u li, wara li tkun appellat lit-Tribunal, tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, tista' tappella kontra dik id-deċiżjoni fuq punt ta' liġi biss lill-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 45 tal-Att.

(7) Meta ma jkunx sar appell validu kontra stima ta' taxxa fiż-żminijiet preskritti f'dawn ir-regolamenti, jew meta l-appell jiġi rtirat jew ma jitkomplix, jew meta l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas ikun ġie determinat fl-appell, l-istima ta' taxxa kif magħmula jew mitiehma jew determinata fl-appell, kif ikun il-każ, għandha tkun finali u konkluživa fir-rigward tal-ammont li għandu jitħallas skont ir-regolamenti 3, 4 u 5 għall-perjodu jew perjodi li għalihom tirreferi l-istima ta' taxxa.

(8) Ġaladarba stima ta' taxxa ssir finali u konkluživa, din għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fi ħdan it-tifsira u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(9) Ġaladarba stima ta' taxxa ssir finali u konkluživa, l-Awtorità tista' titlob il-ħlas tal-ammont li għandu jitħallas permezz ta' nota ta' talba, u jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, l-Awtorità tista' tipproċedi biex tenforza l-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subregolament (6) wara jumejn min-notifika lid-debitur ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, l-Awtorità jkollha d-dritt li tirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik

in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.

Kap. 12.

(10) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw fir-rigward ta' kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan ir-regolament u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi ammont li jkun depożitat fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.

Taqsima VII

Dispożizzjonijiet Transitorji

Dispożizzjonijiet transitorji.
*Emendat:*
*A.L. 194 tal-2022.*

**9.** (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għad-detentur tal-liċenza tal-Lotterija Nazzjonali.

Kap. 583.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti applikabbli għas-servizzi tal-logħob soġġetti għal konċessjoni skont l-artikolu 11(3) tal-Att dwar il-Logħob, jew li xort'oħra jinvolvu logħob provdut u, jew determinat permezz ta' apparat tal-logħob ġewwa fondi għal-logħob għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019.

(3) L-inapplikabbilità ta' dawn ir-regolamenti fir-rigward tad-detentur tal-liċenzja tal-lotterija nazzjonali skont is-subregolament (1) għandha tibqa' fis-seħħ sal-4 ta' Lulju, 2022, u dawn ir-regolamenti għandhom jibdew japplikaw fir-rigward tad-detentur tal-liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali mill-5 ta' Lulju, 2022:

Iżda l-logħob tal-lotterija nazzjonali għandhom jiġu ttrattati bħala apparati tal-logħob magħmulin disponibbli ġewwa fond għal-logħob għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, irrispettivament mill-metodu ta' distribuzzjoni użat biex jiġi offrut tali logħob.